**Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar l-attackki terriristiċi li saru f'Pariġi nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru 2015**

Qiegħed fl-ewwel okkażjoni li għandi f'din il-Kamra, inqum biex nitkellem dwar l-attakki terroristiċi li saru f'Pariġi nhar il-Ġimgħa filgħaxija.

Illum f'nofsinhar ingħaqadna mal-Ewropa kollha f'ċerimonja sempliċi iżda sinifikattiva li uriet is-solidarjetà tal-poplu Malti mal-poplu Franċiż f'din it-tieni serje ta' attakki li sofrew f'inqas minn sena. Dan kompla fuq it-turija enormi ta' solidarjetà li ngħatat mill-poplu lbierah waqt il-ġirja tal-President.

Id-daqs u l-mod indiskriminat kif saru l-attakki jagħmluhom mhux biss attakki fuq Franza, iżda wkoll fuq l-Ewropa u fuq id-dinja ċivilizzata.

Mill-informazzjoni li għandna, ma jidhirx li hemm Maltin fost il-vittmi jew feruti.

Matul il-lejl tal-attakki, il-kapijiet tas-Servizz ta' Sigurta, il-Pulizija u l-Forzi Armati ntalbu jagħmlu *review* tas-sitwazzjoni tas-sigurtà f'pajjiżna.

Ġie kkonfermat, anki ma' servizzi barranin, li ma hemm l-ebda theddida magħrufa fil-konfront ta' Malta.

Ġie deċiż li nkomplu naħdmu bil-mod kawtel li ħdimna bih matul dawn l-aħħar xhur.

Is-sigurtà ma' postijiet strateġiċi żdiedet kif isir normalment meta jiġri xi attakk simili barra minn Malta, dejjem fuq livell ta' prevenzjoni.

Filwaqt li, kif għidna, ma hemm l-ebda tagħrif ta' xi theddida fil-konfront ta' pajjiżna, wieħed dejjem jappella għall-kawtela u li l-pubbliku jgħarraf lill-forzi tas-sigurtà b'xi suspetti li jista' jkun hemm.

Dan għandu jsir mingħajr ma jinħoloq allarmiżmu, għax dak huwa l-għan ta' min jagħmel attakki simili, li joħloq inċertezza fost il-familji u n-nies.

F'nofsillejl tal-lejl tal-Ġimgħa li għadda ġew fi tmiemhom ir-restrizzjonijiet fuq il-fruntieri tagħna, li ħabbarna għall-*Valletta Summit*. Dawn ir-restrizzjonijiet kienu se jerġgħu jibdew minn nhar is-Sibt li ġej bi tħejjija għall-*Commonwealth Summit*. Minħabba l-avvenimenti fi Franza, u fuq bażi biss ta' prewkazjoni, iddeċidejna li nibqgħu għaddejjin b'dawn il-miżuri ta' restrizzjoni matul din il-ġimgħa wkoll.

Dan mhux għaliex hemm xi theddida iżda biss fuq bażi ta' prewkazjoni biex inserrħu moħħ in-nies.

Fil-jiem li għaddew kien hawn kritika għaliex addottajna miżuri ta' sigurtà li dehru żejda għal waqt il-*Valletta Summit*. Fid-dawl ta' dak li ġara f'Pariġi, naħseb qed jintwera kemm il-forzi tas-

sigurtà tagħna kienu korretti li ħadu d-deċiżjonijiet li ħadu, *erring on the side of caution*. Aħjar inkonvenjent żgħir, milli nuqqas ta' azzjoni preventiva.

Issa, iżda, ma rridux immorru fl-estrem l-ieħor, li niġu taħt mentalita' ta' assedju. Dan hu proprju dak li jrid min jagħmel atti ta' terrur.

Sal-lum, ma hemm xejn li jindika xi tip ta' theddida fil-konfront tal-laqgħa tal-Commonwealth li se ssir f'Malta u se nkomplu għaddejjin bit-tħejjijiet għal dan il-għan.

Dan ukoll fid-dawl tas-*summit* tal-G20 sar kif ippjanat fit-Turkija u tal-laqgħa tal-Ġnus Magħquda dwar il-kambjament tal-klima li jirriżulta li se tiltaqa' f'Parigi stess.

Irrid inserraħ moħħ il-familji tagħna, li jekk ikun hemm l-inqas periklu għas-sigurtà ta' pajjiżna, jien inkun l-ewwel wieħed li mhux lest li nirriskja u nieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn.

Sal-lum ma hemm l-ebda indikazzjoni simili.

Sadattant, se nkomplu ninvestu biex insaħħu l-infrastruttura tas-sigurtà tal-pajjiż. Kif ħabbru llum id-Deputat Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari għal Fondi Ewropej, se nkunu qed ninvestu €100 miljun f'fondi Nazzjonali u Ewropej, biex insaħħu s-sigurta' interna ta' pajjiżna. Dan permezz ta' aktar investiment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, traffikar ta' droga, armi u nies, u *cyber crime*, fost l-oħrajn.

L-attakk f'Pariġi ma jistax jittieħed waħdu iżda f'kuntest ta' affarijiet oħra li qed jiġru, mill-attakki ta' Charlie Hebdo, għall-attentat fallut fuq tren fi Franza, attentati fuq mużew u fuq xtajta fit-Tuneżija, l-attentati fit-Turkija, dak li ġara fuq ajruplan Russu fl-Eġittu, splużjonijiet fil-Libanu. Dan huma biss uħud mill-episodji li seħħew dan l-aħħar, li mhux bilfors huma relatati, iżda li jipprovdu kuntest li fih irridu naqraw dawn l-avvenimenti. Magħhom irridu nżidu l-attentati li ġew imwaqqfa u li mhux dejjem ikunu rrappurtati. Il-Prim Ministru Ingliż ħabbar li matul din l-aħħar sena twaqqfu mill-inqas seba' attakki fir-Renju Unit.

Mhux l-intenzjoni tiegħi li nipprova nagħti analiżi sħiħa. Iżda hemm punti li nemmen li għandna nirriflettu dwarhom. Lanqas se noqgħod nitkellem dwar il-bżonn li ma nħalltux l-Islam mall-atti ta' terrur għaliex inkunu qed nagħmlu pjaċir biss lit-terroristi. Dan huwa kunċett li diġà tkellimna dwaru fil-passat u jibqa' jgħodd.

Filwaqt li fl-attakki ta' Charlie Hebdo, il-mira kienet il-libertà tal-espressjoni, din id-darba, fil-fehma tiegħi, kienu attakki fuq il-*lifestyle* Ewropew. Attentat fuq familji li kienu qed jattendu attività sportiva, attakk fuq żgħażagħ li kienu qed jattendu attività mużikali, attakk fuq persuni li kienu qed iqattgħu l-ħin jieklu u jitkellmu flimkien. Kienu attakki diretti fuq il-mod kif is-soċjetà tirrikrea ruħha, bil-għan li ġġib biża' fuq l-aktar attivitajiet li l-intenzjoni tagħhom hi li jagħtu pjaċir.

Kienu attakki mmirati li jimminaw in-normalità tal-ħajja ta' kuljum fis-soċjetà tagħna.

Bħalissa hawn sentiment ta' biża' u ta' rabja fost persuni ta' rieda tajba madwar id-dinja. Biża' li jista' jiġri lill-familji tagħhom dak li ġara f'Parigi. Rabja għal min wettaq dawn il-ħruxijiet u li jixtiequ, ġustament, li dawn il-persuni jitressqu quddiem il-ġustizzja.

Ir-reazzjoni għal ħafna kienet li jeħduha kontra min ġej minn barra, kontra l-immigranti. Ejja nkunu ċari u nirrikonoxxu li hekk qed jiġri. Irridu nitkellmu dwar din il-biża' u rabja, nifhmuha u nittrattawha b'mod razzjonali.

S'issa fost il-persuni li qed jiġu suspettati u miżmuma, l-aktar li hemm huma ċittadini Ewropej, li saħansitra twieldu fl-Ewropa. Nies imwielda u mrobbija f'dan il-kontinent. Iżda hemm ukoll oħrajn li jidher li daħlu fl-Ewropa bħala immigranti illegali.

Ikun żball li nitfgħu lil kulħadd f'keffa waħda. Li eluf ta' persuni u tfal innoċenti jeħlu mal-ħażin li għamlu dawn il-persuni. Huwa proprju dan li t-terroristi jriduna nagħmlu. Li nitfgħu lil dawn in-nies f'ħogorhom biex isiru kandidati ideali għar-radikalizzazzjoni fis-snin li ġejjin. Jekk naqgħu f'din in-nasba, inkunu qed niggarantixxu ġenerazzjoni sħiħa ta' terroriżmu li jheddu l-futur ta' uliedna.

Irridu niftakru li ħafna min-nies li qed jaħarbu, ngħidu aħna mis-Sirja, qed jaħarbu wkoll minn dawn l-istess persuni li qed jagħmlu dawn l-istraġijiet.

Fil-fehma tiegħi, dan kollu huwa argument mill-aktar b'saħħtu favur li jkollna sistema regolari u maħsuba ta' immigrazzjoni, fil-qafas ta' istituzzjonijiet u regoli ġodda internazzjonali.

Sur President, dak li ġara jpoġgi mistoqsija fuq il-ġejjieni tal-Ewropa. It-terroristi jixtiequ li jeħdulna dak li din l-għaqda ta' pajjiżi kisbet wara tant snin ta' ħidma permezz ta' Unjoni li nbniet fuq l-irmied tal-gwerra u biex tassigura l-paċi. L-akbar rebħa għal min jagħmel attakki bħal dawn hija li nżarmaw il-kisbiet li jassiguraw il-libertà għaċ-ċittadini Maltin u Ewropej.

Għandna nħallu kollox kif inhu? Żgur li le. Hemm bżonn ta' bidliet biex nassiguraw li t-tħaddim aħjar ta' prinċipji bħal dak tal-libertà ta' moviment ta' persuni jkun aħjar, biex inkunu nafu aħjar min qed jasal fostna, biex ikollna soċjetà aktar sigura għal uliedna, u biex nippruvaw inwaqqfu persuni b'intenzjoni li jweġġgħu lis-socjeta tagħna milli jagħmlu hekk.

Irridu nitkellmu u nkunu miftuħa li dawn ir-regoli jistgħu jinbidlu biex naddattaw għar-realtà ġdida li qed ngħixu, filwaqt li nżommu l-prinċipji. Dan huwa bilanċ diffiċli iżda neċessarju.

Qatt daqs illum ma kien hemm bżonn li Malta tkompli bil-vokazzjoni tagħha bhala pont ta' djalogu u paċi fil-Mediterran. Dan huwa dmirna, u rridu naraw li nkomplu nwettquh.

Fl-aħħar nett, nassigura lil din il-Kamra u lil kulħadd li se nkomplu nagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex nassiguraw is-sigurtà tal-familji tagħna u ta' pajjiżna. Dan id-dmir se nkomplu nwettquh billi nieħdu d-deċiżjonijiet kollha li jkun hemm bżonn.